MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2013

Numru. 1116/2010

**SPETTUR IAN ABDILLA**
**VS**
**OSSAMA BOUSHRA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputatzzjonijiet migjuba kontra:

Ossama (k.a. Sammy) Boushra ta’ 39 sena, bin William u Nawal Hanna nee’ Girgis, mwieled Egittu fit- 18 ta’ Awwissu 1971, residenti f’ M’Ann, Triq il- Kuccard, Safi u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 160294M;

Talli f’ Settembru 2007 u fix- xhur u s- snin ta’ qabel f’ dawn il- Gzejjer b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda ;
1) B’ mezzi kontra l- ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor,

ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b' qerq ta' aktar minn €2,329.37 ghad-dannu ta' Alfred Abdilla;
2) Aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is- somma ta' atkar minn €2,329.37 ghad-dannu ta' Alfred Abdilla, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar-radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat u l-parti leza, Alfred Abdilla, kienu saru jafu lil xulxin f'xi zmien bejn is-sena 2002 u 2003. L-imputat beda jitlob lil Abdilla biex isellfu xi flus ghall-bzonnijiet tieghu. Skond Abdilla, l-ammont ta' flus misluf kien ilahhaq madwar disgha w tletin elf liri Maltin, u dawn kienu ssellfu lill-imputat f'perijodu ta' sena, bejn Mejju 2003 u April 2004. L-imputat ighid li hu ssellef biss l-ammont ta' erba' mitt liri Maltin minn ghand Abdilla, u jichad li qatt issellef dak l-ammont hekk kbir.

Il-partijiet ghamlu skrittura bejniethom f'April 2004, fejn gie dikjarat li l-imputat kien debitur ta' Abdilla fl-ammont ta' Lm39,000. Peress illi dan l-ammont baqa' ma thallasx, saret kwerela lill-Pulizija mill-avukat ta' Abdilla f'April 2005, sabiex tinbeda l-investigazzjoni kontra l-imputat. Sussegwenti ghal dan, gew istitwiti dawn il-proceduri f' Ottubru 2010, u b'hekk bdiet din il-kawza kontra l-imputat.

Il-Prosekuzzjoni ressqet bhala provi x-xiehda ta’ Kevin Borg, ex-spettur tal-Pulizija, li qal kif kien ircieva l-kwerela u beda l-investigazzjoni. Hu esebixxa l-kwerela msemmija, skrittura bejn il-partijiet, u l-istqarrija tal-imputat. Xehed ukoll Alfred Abdilla, il-parti leza, li spjega lill-Qorti kif kien sellef ammont ta’ kwazi erbghin elf liri Maltin, illum ekwivalenti ghal madwar tlieta w disghin elf Ewro (€93,000), bejn Mejju 2003 u April 2004. Hu esebixxa diversi dokumenti fosthom fatturi tal-bank, li juru li effettivament kien issellef mill-istess bank ammonti ta’ flus kif indikat fl-istess dokumenti. L-istorja ta’ Abdilla ghandha mill-inkredibbli. Hu jghid li kien sar jaf lil Boushra ftit xhur qabel, billi l-imputat kien xufier ta’ karozza tal-linja dak iz-zmien, u kienu saru hbieb. Boushra kien talbu xi erba’ mitt lira, u Abdilla sellifhomlu. F’Mejju 2003, rega’ talbu somma ohra, din id-darba ta’ hamest elef liri Maltin, sabiex Boushra jibda negozju kummercjali. Abdilla accetta, u ssellef elfejn liri Maltin mill-bank u tah tlitt elef ohra minn flusu. Aktar tard, Boushra talab ghal aktar flus, u Abdilla rega’ sellfu. Din l-istorja baqghet sejra hekk, skond Abdilla, ghal ftit anqas minn sena, fejn Abdilla sellef kwazi erbghin elf liri Maltin. Ghal dan is-self kollu, Abdilla ma kellu ebda ricevuta minn ghand Boushra, izda l-partijiet ghamlu skrittura bejniethom f’April 2004, fejn Boushra accetta li hu debitur ta’ Abdilla fl-ammont ta’ disgha w tletin elf liri Maltin.

Xehdet ukoll Audrey Ghigo, ghall-bank HSBC, li esesbiet kopji tal-kontijiet bankarji ta’ Abdilla, u li juru diversi transazzjonijiet li saru fuq il-kontijiet tieghu tul iz-zmien in kwistjoni, kif ukoll fi zminijiet antecedenti.

Xehed ukoll in-nutar Marco Farrugia, li qal li l-partijiet kienu dehru darba quddiemu biex jidhhlu f’att pubbliku, izda peress illi Boushra ma kellux il-mara tieghu mieghu presenti fuk il-kuntratt, dan ma setax isir. Ix-xhud ma setax jiftakar il-mertu tal-kuntratt x’kellu jkun, izda qal biss li ma sarx kuntratt bejniethom. Inoltre, xehed ukoll Roger Mangion, sid tal-istabbiliment Avenue restaurant f’ San Giljan, li qal li kien silef somma ta’ erbat elef liri Maltin lil Abdilla, li kien hallashom lura xi ghaxart ijiem wara.

In difesa, xehed l-imputat li cahad li qatt kien issellef dawk l-ammonti minn ghand Abdilla. Hu qal li kienu saru jafu lil xulxin fuq tal-linja, fejn hu kien xufier u kien iwassal lil Abdilla fejn ried, u kienu saru hbieb. Qal li darba ssellef madwar erba' mitt liri Maltin minn ghandu, ghax kellu ommu ma tiflahx, u Abdilla tahomlu. Qal ukoll li  Abdilla beda jistiednu d-dar tieghu, u kienu saru intimi ma' xulxin. Ghalkemm Boushra kien jiddejjaq hafna, ma kienx jaf kif ser jaghmel biex jieqaf imur ghandu, u ghalhekk baqa' jmur u jkollu x'jaqsam mieghu. Din ir-relazzjoni damet ftit xhur, imbaghad Boushra waqaf. Kompla jghid li Abdilla riedu jkompli jmur mieghu, inkella kien ser imur ighid lill-mara tieghu li ghandhom relazzjoni. Biex igieghlu jkompli jmur mieghu, ried li Boushra jiffirma ftehim li kellu jaghti s-somma ta' disgha w tletin elf liri Maltin lil Abdilla. Din il-verzjoni hija konsistenti mal-istqarrija tieghu, esebita fl-atti.

Illi ghalhekk, il-Qorti ghandha zewg verzjonijiet kompletament opposti ghal xulxin. Il-partijiet jaqblu li kienu saru jafu lil xulxin, u ghalkemm ma hemmx korroborazzjoni, il-Qorti propensa temmen li kien hemm relazzjoni intima bejniethom. Oltre dan, ma hemmx qbil fuq l-ammont misluf. L-imputat gie muri l-iskrittura ta' bejniethom datata 24 ta' April, 2004, u jghid li l-firma fuqha mhix tieghu. Hu jichad kategorikament li qatt issellef dawk l-ammonti kollha minn ghand Abdilla.

Minn esami tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax tifhem kif Abdilla accetta li jsellef ammont daqshekk konsiderevoli fi zmien daqshekk qasir, minghajr ma jitlob xi forma ta' ricevuta lil Boushra, li ghal kull bwon fini kien jafu biss ghal ftit xhur, jew l-aktar ghal sena. Din is-sitwazzjoni tista' tigi spjegata biss jekk Boushra w Abdilla kellhom relazzjoni intima bejniethom. Madankollu, l-istorja ta' Abdilla ghandha hafna mill-inkredibbli, aktar u aktar meta jidher mill-istess dokumenti tal-bank li hu kien ihaddem il-kontijiet tieghu b'attenzjoni u b'ghaqal. Di fatti, mill-atti li ghandha l-Qorti, jidher li l-kont principali ta' Abdilla huwa savings account bin-numru 085 000016 050, u minn dan il-kont jaghmel hafna mit-transazzjonijiet tieghu. Jidher li hemm diversi ammonti migbuda minn dan il-kont – apparti dawk li jghid li nghataw lil Boushra – li presumibbilment

kienu jigu depositati f'kontijiet fissi ghal zmien definit. Fuq l-istess kont jidhru wkoll diversi depositi, li juru li Abdilla kellu investimenti li jrendulu dhul mensili.

Oltre dan il-kont bankarju hemm erba' loan accounts li hu jghid intuzaw biex ihallsu lil Boushra l-ammonti gia' imsemmija, u hemm ukoll fixed deposits li saru minnu u ngibdu minnu fi zminijiet diversi. Ghalhekk dan juri li Abdilla huwa midhla sew ta' investimenti bankarji, u jaf l-affarjiet tieghu sewwa. Huwa kwazi impossibbli li hu accetta johrog kwazi erbghin elf Liri Maltin minghajr ricevuta u minghajr xi forma ta' garanzija ta' hlas lura, lil persuna li ma kienx ilu jafha sew bizzejjed, u fi zmien daqshekk qasir.

Izda l-Qorti sejra taghtih il-beneficcju tad-dubju u, ghas-sahha tal-argument, ser tassumi li din l-istorja hija l-verita'. Jekk hu minnu li sar dan is-self lil Boushra, u dan l-ammont ma thallasx lura, jista' jinghad li dan jammonta ghal reat ta' frodi jew ghal dak ta' approprjazzjoni indebita, kif qed jigi addebitat lill-imputat? Fil-fehma tal-Qorti, huwa proprju hawnhekk li t-tezi tal-Prosekuzzjoni tonqos milli twassal ghall-konkluzjoni mixtieqa. Minn dawn l-istess fatti hekk kif esposti, jidher li hemm l-elementi tar-reati indikati li huma kompletament nieqsa minn dan il-kaz.

Ir-reat ta' frodi jipprefiggi li l-persuna li tkun wettqet il-frodi trid tohloq raggiri jew artifizji li jinducu lil persuna ohra li temmen li ser ikun hemm qligh konsiderevoli. Dan ma rrisulta minn imkien. Jekk il-Qorti taccetta l-verzjoni ta' Abdilla, li l-flus sellifhom lil-imputat biex dan jibda negozju, dak is-self huwa biss dejn civili bejn il-partijiet, bhal self *brevi manu* fic-civil. Il-fatt li n-negozju ta' Boushra ma marx kif ried, u l-fatt li Abdilla ffirma skrittura li tikkonferma li sar self lill-imputat, aktar issahhah il-fehma tal-Qorti li dan kien biss self ghal skop kummercjali, u ma hemm ebda raggiri jew artifizji da parti ta' Boushra. L-istess skrittura fil-fatt tirrappresenta x'kien is-self li ghamel Abdilla. Ghalhekk l-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat ta' frodi huma ghal kolloz nieqsa, u ma jirrisultawx ippruvati f' dan il-kaz.

L-istess jista' jinghad dwar ir-reat ta' misapproprjazzjoni. L-element essenzjali ta' dan ir-reat huwa li tigi fdata f'idejn terz proprjeta' partikolari ghal uzu partikolari ghall-gid tas-sid ta' dik l-istess proprjeta', u minnflok isir uzu iehor minnu ghall-gid tat-terz. Abdilla sellef il-flus lil Boushra ghall-uzu tieghu u ghan-negozju tieghu, u mhux ghall-gid ta' Abdilla. Mal-mument li Abdilla ta l-flus lil Boushra b'self, dan seta' jesercita d-dritt ta' *dominus* fuq dawk il-flus. Il-fatt li dawn ma gewx moghtija lura lil Abdilla jikkostitwixxi biss dejn civili bejn il-partijiet, izda mhux reat kriminali.

Kif gie ritenut mill-qrati taghna fuq ir-reat ta' approprjazzjoni indebita, il-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "Pul. V. George Grech", deciza fit-22 ta' April, 2009:

"Dak li jrid jigi determinat mhuwiex biss x'intenzjoni kellu l-appellant izda wkoll jekk kienx jezisti l-element intenzjonali mehtieg fl-appellant biex jista' jinghad li jissussisti r-reat ta' approprjazzjoni indebita. Kif jispjega Luigi Majno[1]:

"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il *dolo*. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo …. Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della

---

[1] **Commento al Codice Penale Italiano**, UTET (1922), Vol. IV, para. 1953, pag. 105 – 106.

giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di *violenza*) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il *dolo*."”

L-istess gie ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet “Pul. V. Emanuele Chircop, deciza fis-27 ta' Frar, 2009, u ohrajn.

Dan kollu apparti l-fatt li l-istorja ta' Abdilla ftit tista' titwemmen, izda anke jekk din hija l-verita', dak is-self ma jaqa' taht ebda reat kriminali kif ipotizzat fil-konfront tal-imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 308, 309, 310(1)(a), 293, 294, 17 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Ma ssibx lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------